

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Bourke u F. Ronkes Agerbeek, aġenti)

### Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2009 dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.589 — Stabilizzaturi Termiċi).

### Dispożittiv

(1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

(2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2010 — Xeda International vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-71/10 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Direttiva 91/414/KEE — Deċiżjoni dwar in-noninklużjoni ta' diphenylamine fl-Anness I tad Direttiva 91/414 — Talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza”)*

(2010/C 179/70)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Xeda International SA (Saint-Andiol, Franza) (rappreżentanti: C. Mereu, K. Van Maldegem, avukati, u P. Sellar, sollicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Bianchi u L. Parpala, aġenti, assistiti minn J. Stuyck, avukat)

### Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2009/859/KE, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar in-noninklużjoni ta' diphenylamine fl-Anness I tad Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal

prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza (ĠU L 314, p. 79), sal-għoti tas-sentenza fuq ir-rikors prinċipali.

### Dispożittiv

(1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

(2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' April 2010 — Il-Parlament vs U

(Kawża T-103/10 P(R)-R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Deċiżjoni ta' tkeċċija — Digriet tal-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea mogħti fi proċeduri għal miżuri provviżorji — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2010/C 179/71)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

*Rikorrent:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Seyr u K. Zejdová, aġenti)

*Konvenut:* U (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: F. Moysé u A. Salerno, avukati)

### Suġġett

Talba intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-digriet tal-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2009, U vs Il-Parlament (F-92/09 R, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra).

### Dispożittiv

(1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal miżuri provviżorji mressqa mill-Parlament Ewropew.*

(2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*